32005R0105

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 105/2005

tas-17 ta' Novembru 2004

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1420/1999 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1547/1999 fir-rigward tal-kunsinni bil-baħar ta' ċerti tipi ta' skart lejn iċ-Ċina u l-Għarabja Sawdita (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93 tal-1 ta' Frar 1993 dwar is-sorveljanza u l-kontroll ta' kunsinni bil-baħar ta' skart ġewwa, lejn u 'l barra mill-Komunità Ewropea[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 17(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1420/1999 tad-29 ta' April 1999 li jistabbilixxi regoli u proċeduri komuni li għandhom japplikaw għal kunsinni bil-baħar ta' ċerti tipi ta' skart lejn ċerti pajjiżi li mhumiex imsieħba fl-OECD[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-4 ta' Awwissu 2003, il-Ministeru tad-Difiża u l-Avjazzjoni, il-Presidenza tal-Meteoroloġija u l-Ambjent tar-Renju tal-Għarabja Sawdita, bagħat talba lill-Kummissjoni Ewropea biex it-tranżazzjonijiet kummerċjali normali (il-proċedura tal-"lista ħadra") japplikaw għall-materjal GH 014 "skart, bċejjeċ maqtugħin u fdalijiet ta' fowm tal-polijuretan li ma fihx klorofluworokarbonji".

(2) Fit-13 ta' Mejju 2004, il-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Komunitajiet Ewropej bagħtet talba lill-Kummissjoni Ewropea għal emenda fil-lista ta' tipi ta' skart fl-Anness D tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1547/1999[3] li huma permessi mingħajr rikors għal xi waħda mill-proċeduri ta' kontroll stipulati fir-

---

1 ĠU L 30, 6.2.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2557/2001 (ĠU L 349, 31.12.2001, p. 1).

2 ĠU L 166, 1.7.1999, p. 6. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2118/2003 (ĠU L 318, 3.12.2003, p. 5).

3 ĠU L 185, 17.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 2118/2003.

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 259/93. Din il-lista emendata se tkun soġġetta, bħal qabel, għal proċeduri addizzjonali ta' spezzjoni qabel il-ġarr bil-baħar taħt ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet Ċiniżi.

(3) B'konformità mal-Artikolu 17(3) tar-Regolament (KEE) Nru 259/93, il-kumitat imwaqqaf bl-Artikolu 18 tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE tal-15 ta' Lulju 1975 dwar l-iskart[4] ġie nnotifikat dwar it-talbiet uffiċjali tal-Għarabja Sawdita u taċ-Ċina fit-2 ta' April 2004 u fit-18 ta' Mejju 2004.

(4) Sabiex titqies il-qagħda ġdida ta' dawn il-pajjiżi, jeħtieġ li jiġi emendat fl-istess waqt ir-Regolament (KE) Nru 1420/1999 u r-Regolament (KE) Nru 1547/1999.

(5) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imwaqqaf permezz tal-Artikolu 18 tad-Direttiva 75/442/KEE,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness D għar-Regolament (KE) Nru 1547/1999 qed jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness I għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness A għar-Regolament (KE) Nru 1420/1999 qed jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness II għar-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Novembru 2004.

Ghall-Kummissjoni
Pascal LAMY
Membru tal-Kummissjoni

[4] ĠU L 194, 25.7.1975, p. 39. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003. p. 1).

ANNESS I

L-Anness D għar-Regolament (KE) Nru 1547/1999 qed jiġi emendat kif ġej:

(1) Fl-Anness D, bejn l-annotazzjoni marbuta ma' São Tomé u Príncipe u l-annotazzjoni marbuta mas-Sjerra Leone, qed tiddaħħal l-annotazzjoni li ġejja

"L-GĦARABJA SAWDITA

GH 014 ex 3915 90 Skart, bċejjeċ maqtugħin u fdalijiet ta' plastik tal-polijuretan (li ma fihx klorofluworokarbonji)."

(2) Fl-Anness D, bejn l-annotazzjoni marbuta maċ-Ċilì u l-annotazzjoni marbuta mal-Comores, l-annotazzjoni marbuta maċ-Ċina għandha titħassar u għandha tiddaħħal l-annotazzjoni li ġejja

"IĊ-ĊINA

L-ispezzjoni qabel il-ġarr bil-baħar hija meħtieġa mill-awtoritajiet Ċiniżi

1. Fit-taqsima GA (Metall u skart tal-metall illigat fil-metalliku, forma li ma tinxteridx)[5]

GA 120 7404 00 Skart u fdalijiet tar-ram

GA 130 7503 00 Skart u fdalijiet tan-nikil

GA 140 7602 00 Skart u fdalijiet tal-aluminju

GA 160 7902 00 Skart u fdalijiet taż-żingu

GA 170 8002 10 Skart u fdalijiet tal-landa

GA 200 ex 8103 10 Fdalijiet u skart tat-tantalu

GA 430 7204 Fdalijiet tal-ħadid jew tal-azzar

2. Fit-taqsima GC (Skart ieħor li fih il-metalli):

GC 030 ex 8908 00 Bastimenti u strutturi oħra li jżommu fil-wiċċ biex jiġu żarmati, żvujtati minn kull tagħbija u materjal ieħor li jiġu mill-operazzjoni tal-bastiment li setgħu ġew ikklassifikati bħala sustanza perikoluża jew skart

GC 070 ex 2619 00 Gagazzi li jinħolqu mill-manifattura ta' ħadid u azzar bil-karbonju (inkluż azzar illigat b'mod dgħajjef) għajr dawk il-gagazzi li ġew speċifikament prodotti biex jilħqu r-rekwiżiti u l-istandards rilevanti kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali[6]

---

[5] "Ma jinxteridx" ma jinkludi l-ebda skart fil-forma ta' trab, tajn, għabra jew oġġetti solidi li fihom skart perikoluż f'forma likwida.

[6] Din l-annotazzjoni tkopri l-użu ta' tali gagazzi bħala sors tad-diossidu tat-titanju u vanadju.

3. Fit-taqsima GH (Skart tal-plastik solidu):

Li jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

GH 010 3915 Skart, bċejjeċ maqtugħin u fdalijiet tal-plastik ta':

GH 011 ex 3915 10 Polimeri tal-etilene

GH 012 ex 3915 20 Polimeri tal-istirene

GH 013 ex 3915 30 Polimeri tal-kloru tal-vinil

GH 014 ex 3915 90 Polimeri jew kopolimeri, pereżempju:

— Polipropilene

— Polietilene terephthalate

— Akrilonitrile kopolimeru

— Butadiene kopolimeru

— Stirene kopolimeru

— Poliamide

— Polibutilin terephthalates

— Polikarbonji

— Sulfidi ta' polifenilene

— Polimeri tal-akriliku

— Paraffini (C10 - C13) (4)

— Poliuretejn (li ma fihx klorofluworokarbonji)

— Polysiloxalanes (silikoni)

— Polimetil metharcrylate

— Alkoħol tal-polivinil

— Butiral tal-vinil

— Aċetat tal-polivinil

— Polimeri tal-etilene bil-flworin (Teflon, PTFE)

GH 015 ex 3915 90 Reżini jew prodotti ta' kondensazzjoni, pereżempju:

— Reżini ta' urea formaldehyde

— Reżini ta' phenol formaldehyde

— Reżini ta' melamina formaldehyde

— Reżini epossidi

— Reżini alkidi

— Poliamidi

4. Fit-taqsima GI (Skart tal-karta, tal-kartun u tal-prodotti tal-karta):

GI 010 4707 Skart u fdalijiet tal-karta jew tal-kartun:

GI 011 4707 10 — Tal-karta tat-tip kraft mhux ibbliċjata jew kartun jew ta' karta jew kartun immewweġ

GI 012 4707 20 — Tal-karti jew kartun ieħor, magħmul prinċipalment minn polpa bbliċjata kimikament, mhux ikkuluriti fil-massa

GI 013 4707 30 — Tal-karti jew kartun magħmul prinċipalment minn polpa mekkanika (pereżempju, gazzetti, ġurnali u materjal stampat b'mod simili)

GI 014 4707 90 — Oħrajn, li jinkludu iżda mhumiex limitati għal:

1. Kartun laminat

2. Skart u fdalijiet mhux magħżula

5. Fit-taqsima GJ (Skart tat-tessuti):

GJ 030 5202 Skart tal-qoton (li jinkludi skart ta' ħjut u stokk ta' granata)

GJ 031 5202 10 — Skart tal-ħjut (li jinkludi skart tal-ħajt)

GJ 032 5202 91 — Stokk ta' granata

GJ 033 5202 99 — Oħrajn

GJ 110 5505 Skart (li jinkludi suf qasir, skart ta' ħjut u stokk ta' granata) ta' fibri magħmula mill-bniedem

GJ 111 5505 10 — Ta' fibri sintetiċi

GJ 112 5505 20 — Ta' fibri artifiċjali

6. Fit-taqsima GL (Sufra mhux trattata u skart tal-injam):

GL 010 ex 4401 30 Skart u fdalijiet tal-injam, kemm jekk ikunu miġbura jew le fi zkuk, trab tal-faħam, pritkuna jew forom simili

GL 020 4501 90 Skart tas-sufra; sufra mgħaffġa, magħquda jew mitħuna

7. Fit-taqsima GM (Skart li jinħoloq mill-industriji agro-alimentari):

GM 100 0506 90 Skart tal-għadam u tal-qrun, mhux maħduma, bix-xaħam imneħħi, ippreparati b'mod sempliċi (imma mhux maqtugħin fil-forom), trattati bl-aċidu jew bil-ġelatina mneħħija."

ANNESS II

L-Anness A għar-Regolament (KE) Nru 1420/1999 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Anness A għar-Regolament (KE) Nru 1420/1999, l-annotazzjoni relatata mal-Għarabja Sawdita hi sostitwita b'dan li ġej:

"It-tipi kollha għajr

Fit-taqsima GH ("Skart ta' Plastiku Solidu"):

GH 014 ex 3915 90	Skart, bċejjeċ maqtugħin u fdalijiet ta' plastik tal-polijuretan li ma fihx klorofluworokarbonji."